**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 658/2020**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**-Vs-**
**MATTHEW VASSALLO**

**Illum, 18 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **MATTHEW VASSALLO**, ta' 34 sena, iben Paul Vassallo u Josephine Vassallo nee' Lia, imwieled Pieta' nhar l-14 ta' Jannar 1986, residenti fil-fond Blk C, 6, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0089486M li ġie akkuzat talli f'dawn il-Gżejjer, f'Novembru 2018 u matul ix-xhur u/jew fis-snin ta' wara u/jew qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-liġi u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ;

1. Għamel atti ta’ money laudering billi;

i. Ikkonverta jew ittrasferixxa propjeta’ meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-proprjeta’ kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’ attivita kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attivita’ kriminali, għall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ ħabi jew wiri ħaġa b’oħra tal-oriġini tal-proprjeta’ jew ta’ għoti ta’ għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f’attivita’ kriminali;

ii. Ħeba jew wera ħaġa b’oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta’, meta kien jaf jew jissuspetta li dik il-proprjeta’ tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attivita’ kriminali;

iii. Akkwista, kellu fil-pussess tiegħu, jew uża’ proprjeta’ meta kien jaf jew jissuspetta lil l-istess proprjeta’ kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attivita kriminali;

iv. Bir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta’ proprjeta’ meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess proprjeta’ inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attivita’ kriminali;

v. It-tenattiv ta’ xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Aġixxa bħala kompliċi fi-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq imsemmija.

U dan ai termini tal-Artikolu 3 ta' l-Att kontra l-Money Laudering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitlubsa sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kontemplat fl-artikolu 23A tal-Kodiċi Krimianli, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet finalment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Rat l-Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali fis-26 ta' Novembru 2020 ai termini tal-artikolu 3(2A)(a) tal-Att kontra Money Laundering;

Semgħet lill-Uffiċjali Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat il-kontro-ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali fis-17 ta' Frar 2022 fejn għall-fini tal-artikolu 3(2A)(b)(ċ) tal-Att kontra Money Laundering, ordna illi l-imputat jiġi proċessat quddiem din il-Qorti fuq l-akkużi miġjuba kontrih għal ksur tal-provvediment tal-istess Att.

Rat illi l-istess kontro-ordni, l-Avukat Ġenerali indika wokll l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2024 li m'għandux oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat li fit-13 ta' Novembru 2023 kienet ġiet eżentata mill-partijiet milli terġa' tisma' x-xhieda li kienu diġa' xehdu quddiem il-Qorti meta kienet diversament preseduta;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat mill-Prosekuzzjoni fit-3 ta' Ġunju 2024 kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżenta mid-difiża fit-2 ta' Awwissu 2024, kif awtorizzat;

Rat l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar maħruġ fis-27 ta' Novembru 2020 fir-rigward tal-imputat;

Rat id-digriet mogħti fit-8 ta' April 2024 ai termini tal-artikolu 32(3) tal-Att VI tal-2024;

Rat id-digriet mogħti sussegwentement fil-25 ta' Lulju 2024 għall-fini tal-artiklu 36(4)(b)(ii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' fejn ġie stabbilit il-proprjeta' soġġetta għal konfiska u ġie emendat l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar maħruġ fil-konfront tal-imputat;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidat;

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat uniku ta' money laundering ċioe' illi għamel wieħed jew ieħor mill-atti maħsuba fil-paragrafi (i) sa (vi) tal-artikolu 2(1) tal-Att kontra Money Laundering.

"*money laundering"* tfisser:

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew

ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

L-imputat ma ġiex akkużat b'xi reat li jikkostitwixxi l-attivita' kriminali sottostanti iżda dan m'huwiex ta' xkiel għal xi sejbien eventwali ta' ħtija għaliex il-leġislatur ippreċiża illi tista' tinstab ħtija għad-delitt ta' money laundering taħt l-Att kontra Money Laundering, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li

tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti[1]. L-artikolu 2(2)(a) tal-Kapitolu 373 jiddisponi espressament illi l-prosekuzzjoni mhux marbuta tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u lanqas m'hu meħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti: huwa biżżejjed biex jiġi radikat sejbien ta' ħtija għar-reat ta' money laundering, li l-attivita' kriminali sottostanti tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra. Inoltre, l-Att kontra Money Laundering jagħmilha ċar ukoll[2] illi persuna tista' tinsab ħatja separatament kemm tad-delitt ta' money laundering, kif ukoll tal-attività kriminali sottostanti li minnha inkisbet il-proprjetà jew ir-rikavat li fir-rigward tiegħu ikun qed jiġi akkużat ta' money laundering.

In kwantu għall-element formali tar-reat ta' money laundering, l-Att kontra Money Laundering jikkriminalizza mhux biss ix-xjenza pożittiva u speċifika tal-oriġini kriminali tal-proprjeta', iżda wkoll l-element formali minuri konsistenti f'suspett. Huwa biżżejjed il-prova li l-imputat ikollu suspett li l-proprjeta' msemmija f'wieħed mill-paragrafi tal-artikou 2(1) fuq imsemmija, tkun ir-rikavat ta' jew tkun ġejja minn attivita' kriminali anke jekk m'huwiex ħati ta' din l-attivita' kriminali sottostanti, jew ma kienx involut f'din l-attivita' kriminali. Il-prova ta' dan l-element tas-suspett tista' ssir ukoll b'inferenzi ta' fatt li jitnisslu minn ċirkostanzi oġġettivi u fattwali, purche' jiġi ppruvat ukoll stat formali pożittiv li jmur lil hinn minn sempliċi negliġenza.

Fis-sentenza **The Police v. *Omissis* and Vladimir Omar Fernandez Delgado**[3], ġie ritenut:-

---

[1] Il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 2(2) tal-Kap. 373 jistipola illi "attività kriminali sottostanti" tirreferi għall-attività kriminali li minnha il-proprjetà jew rikavat ieħor, li tkun involuta fir-reat ta' money laundering taħt dan l-Att tkun ġiet direttament jew indirettament miksuba.
[2] Artikolu 2(2)(b) tal-Kap. 373.
[3] Deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, 29 ta' April 2015. Enfasi ta' din il-Qorti.

*The Law Society Anti-Money Laundering Practice Notes October 2013 (Supporting Solicitors) defines this crime as follows:*

*"Money laundering is generally defined as the process by which the proceeds of crime, and the true ownership of those proceeds, are changed so that the proceeds appear to come from a legitimate source. Under POCA the definition is broader and more subtle. Money laundering can arise from small profits and savings from relatively minor crimes, such as regulatory breaches, minor tax evasions or benefit fraud. A deliberate attempt to obscure the ownership of illegitimate funds is not necessary."*

Għandhom jitqiesu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi u dan bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 373, li jipprovdi:-

*(3) Fi proċeduri dwar reat ta' money laundering taħt dan l-Att, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu mutatis mutandis japplikaw.*

L-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap 101 jiddisponi:

"*Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.*"

Għalhekk, fejn jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap. 101, biex l-akkuża tar-reat ta' money laundering tiġi ppruvata b'suċċess, il-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova ness bejn l-imputat, l-attivita' kriminali (li kif rajna mhux meħtieġ li jiġi ppruvat bi preċiżjoni liem'hi l-attivita' kriminali) u l-proprjeta' li qed jiġi allegat li tikkostitwixxi r-rikavat ta' jew ġejja minn, attivita' kriminali. Jekk, stabbilit dan in-ness, jirriżulta li ma hemmx spjegazzjoni loġika u raġjonevoli dwar l-oriġini tal-proprjeta', jinkombi mbagħad lill-akkużat li fuq bażi ta' probabbilita', jistabbilixxi l-oriġini leċita ta' dak il-flus, proprjetà jew rikavat.

Fir-rigward, il-Qorti sejra tagħmel riferenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **The Police v. Carlos Frias Mateo**, tad-19 ta' Jannar 2012, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

"*F'din il-kawza, l-appellat qed jiġi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta iżda dan il-Kap jagħmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata.*

*Għalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attività` kriminali,* ***kull ma għandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tiġi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali****. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus.*

*Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Fir-rigward in-ness li għandu jiġi stabbilit mill-Prosekuzzjoni bejn il-proprjeta' allegatament provenjenti minn attivita' kriminali u l-istess attivita' kriminali, fid-deċiżjoni tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin**, din il-Qorti diversament preseduta ikkunsidrat:

*"That it must also be emphasised that what must be shown for the prosecution to satisfy its onus is a link between some criminal activity and the assets in question.*

*This has been affirmed by the Court of Criminal Appeal in the case* ***Republic of Malta vs John Vella*** *when it said:*

'….l-Avukat Ġenerali jista' akkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghajr ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jiġi allegat li huwa l-attività kriminali sottostanti…. Ċertament pero ikun x'jkun il-każ, jekk l-Avukat Ġenerali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laundering … irid jindika n-ness bejn l-attività kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega'.

*That once the prosecution satisfied this onus, in terms of article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta which applies to proceedings for an offence of money laundering by application of article 3(2A)(3) of Chapter 373, the burden of proof then shifts on defendant who has the onus of showing the lawful origin of the money in question.*"

Dan stabbilit, il-Qorti sejra tgħarbel il-provi u x-xhieda proċesswali sabiex, bl-applikazzjoni tar-regoli u l-prinċipji in materja, tiddetermina jekk il-

Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, l-elementi kollha tar-reat ta' money laundering.

Ikkunsidrat;

Illi t-teżi tal-Prosekuzzjoni hi illi instabu ammont sostanzjali ta' flus kontanti, fis-somma ta' ċirka €40,000, fil-pussess tal-imputat f'ċirkostanzi li kienu juru li l-flus kien provenjenti minn attivita' kriminali li kien involut fiha l-imputat, anke għaliex l-imputat ma deherx li kellu mezzi finanzjarji leġittimi li jippermettu li jkollu fil-pussess tiegħu proprjeta' ta' dik l-entita', u li bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap. 101, l-imputat naqas milli jipprova kif imiss, il-provenjenza leċita ta' dik il-proprjeta'.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-imputat, Matthew Vassallo, kien ġie arrestat mill-Pulizija fid-29 ta' Novembru 2018 waqt operazzjoni eżegwita mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga li dak iż-żmien kienet qed tissorvelja lil ċertu Etienne Farrugia fir-rigward ta' suspett li kien ser jinnegozja l-bejgħ ta' xi droga mal-imputat odjern, Matthew Vassallo. Mix-xhieda mismugħa mill-Qorti diversament preseduta[4], jirriżulta illi l-imsemmi Etienne Farrugia kien intlemaħ isuq vann bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ-482 u meta ġie segwit, ġie osservat javviċina vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MUG-022 tal-għamla Toyota Vitz fejn il-persuni dehru jitkellmu u jiftiehmu. Etienne Farrugia baqa' jiġi segwit mill-Pulizija, senjatament l-uffiċjali WPC 368 u PS 1295, fejn deher jidħol f'garaxx fi Triq is-Siġġiewi, Ħaż Zebbuġ u wara ftit tal-ħin ħareġ mill-istess garaxx b'borża mdaqqsa f'idu, liema borża poġġiha fil-vann u telaq. Ingħataw struzzjonijiet biex Etienne Farrugia jitwaqqaf ġewwa Triq il-Ġnien, Santa Luċija, u ftit metri 'l bogħod mill-post fejn ġie

[4] Xhieda ta': Superintendent Frank Anthony Tabone, WPC 368 Shannon Lori Azzopardi, PC 1295 Dylan Abela, PC118 Eman Joe Borg u PC 258 John Leigh Howard.

mwaqqaf il-vann li kien qed jinstaq minn Etienne Farrugia, ġiet innutata l-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MUG-022 li kienet ġiet osservata ftit tal-ħin qabel tavviċina l-vettura ta' Etienne Farrugia, u din ġiet imwaqqfa wkoll mill-uffiċjali tal-Pulizija PC 1295 u WPC 368 fejn irriżulta li din il-vettura kienet qed tiġi misjuqa mill-imputat odjern, Matthew Vassallo filwaqt li bħala passiġġiera fil-vettura kien hemm ċertu Antonio Andolfo u Charlston Cassar.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi waqt it-tfittxija li saret fil-vettura misjuqa mill-imputat. MUG-022, instabet is-somma globali ta' €39,890 f'kontanti[5] fil-*console* kif ukoll fil-pussess tal-passiġġier Antonio Andolfo, filwaqt li fil-vettura misjuqa minn Etienne Farrugia instabet sustanza suspettata droga. Is-Superintendent Frank Anthony Tabone xehed ukoll li waqt it-tfittxija li huwa ordna li ssir ukoll fir-residenza tal-istess Etienne Farrugia, instabet iktar sustanza suspettata droga eroina, fl-ammont ta' ċirka tliet kilogrammi. Ftit mill-flus li nstab fil-*console* tal-vettura MUG-022, kien mikxuf mingħajr ma kien marbut[6], filwaqt li kien hemm ammont ieħor ta' flus kontanti ġewwa borza tal-plastik.

Għalhekk, analizzati l-provi illi l-Proskuzzjoni ġabet f'dan il-każ dwar il-flus kontanti fis-somma ta' €40,000 ċirka li nstabu fil-vettura imsjuqa mill-imputat, u n-ness bejn dan il-flus u xi xejra ta' attivita' kriminali, il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tistabbilixxi bażi raġjonevoli sabiex wieħed jissuspetta illi dawk il-flejjes kienu intiżi biex jiġu utilizzati f'negozju ta' xiri ta' droga, liema droga nstabet fil-vettura ta' Etienne Farrugia ftit distanza biss 'il bogħod mill-vettura misjuqa mill-imputat ġewwa Santa Luċija. Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wkoll għaliex kif rajna, l-imputat u l-imsemmi Etienne Farrugia, li kienu taħt is-sorveljanza tal-Pulizjja peress li kellhom informazzjoni

[5] Ara relazzjoni ta' Dr. Alexander Scerri Herrera, (inventarju f'paġna 234 u paġna 235 tal-atti tal-kompilazzjoni), formanti parti mill-kopja legali tal-proces-verbal numru 16/2018 (Dok. OD).
[6] Ritratt 18 Cru 111, paġna 420 tal-atti tal-kumpilazzjoni – Dok. SC.

li kien ser isir negozju dwar droga bejniethom, kienu ġew osservati separatament ftit tal-ħin qabel: l-imputat irikkeb fil-vettura lil Charleston Cassar, u Etienne Farrugia joħroġ minn garaxx b'borża "mdaqqsa" f'idejh, u dan wara li kienu diġa' ltaqgħu ftit tal-ħin qabel bil-vetturi tagħhom fejn tkellmu għal ħin qasir.

L-artikolu 2(1) tal- Att kontra Money Laundering jagħti s-segwenti tifsira għall-attività kriminali:

*"attività kriminali" tfisser kull attività, tkun fejn tkun magħmula, u tkun meta tkun magħmula, li taħt il-liġi ta' Malta jew liġi oħra, tammonta għal:*
…
*(b) wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda għal dan l-Att;"*

It-Tieni Skeda mbagħad tipprovdi li r-reati li jammontaw għal 'attivita' kriminali' huma: "*Kull reat kriminali*".

Għalkemm huwa minnu li ma jidhrix li laħaq seħħ ebda transazzjoni effettiva li tinvolvi d-droga fid-29 ta' Novembru 2018 minħabba l-intervent propizju tal-Pulizija, iċ-ċirkostanzi fattwali li jirriżultaw mix-xhieda u l-provi b'rabta mal-operazzjoni tal-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga fid-29 ta' Novembru 2018, huma suffiċjenti biex jorbtu l-flus kontanti li nsabu fil-pussess tal-imputat, ma' tentattiv ta' reat, liema tentattiv ukoll jikkostitwixxi reat, u kwindi, ma' attivita' kriminali.  Attivita' kriminali li kif rajna, mhux meħtieġ li tinstab ħtija jew ikun hemm sentenza ta' kundanna dwarha, u lanqas li jiġi stabbilit b'mod preċiż f'hiex tikkonsisti l-attivita' kriminali sottostanti.

B'zieda ma' dan, jirriżulta wkoll, mix-xhieda tal-Ispettur Michael Vella[7], PC 626 Giancarlo Bennetti u PC 355 Charlon Chircop, illi l-imputat Matthew Vassallo reġa' ġie arrestat fit-23 ta' Ottubru 2020 bis-saħħa ta' mandat ta' arrest maħruġ fuq suspett li l-imputat kien qed ibiegħ id-droga ġewwa Bieb il-Belt. Mit-tfittxija li saritlu meta ġie arrestat kif niżel mill-vettura tiegħu, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBX-457, il-Belt stess, irriżulta li kellu fil-kartiera tiegħu kif ukoll fil-vettura, ammont sostanzjali ta' pakketti b'sustanza kannella allegatament eroina. Meta kien ġie interrogat in konnessjoni ma' din is-sejba ta' droga, l-imputat sostna li huwa kien sab il-qratas bid-droga fejn ir-remissi tal-Marsa u kien ħadhom, iżda ċaħad li kien ser ibiegħ id-droga[8] u insista li kien sejjer jikkonsmaha huwa stess.

L-Ispettur Malcolm Bondin xehed illi huwa kien ressaq lill-imputat Matthew Vassallo taħt arrest quddiem il-qorti f'żewġ okkażżjonijiet, fl-2013 u wkoll fl-2018, mixli b'reati ta' pussess aggravat ta' droga erojina u pussess ta' droga kokajina fi kwantitajiet li kienu juru li d-droga ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu. Ipproduca wkoll kopji taċ-ċitazzjonijiet relattivi bl-akkużi addebitati lill-imputat u mill-provi jirriżulta li dawn il-proċeduri kriminali għadhom pendenti[9].

Id-difiża tissottometti illi l-prova li nġiebet bil-lista ppreżentat mir-Reġsitratur tal-Qrti u Tribunali Kriminali[10] u bix-xhieda ta' uffiċjali tal-Pulizija, illi l-imputat huwa akkużat fi proċeduri kriminali li għadhom pendenti, m'hijiex ammissibbli u ma għandhiex tiġi kkunsidrata mal-ġabra ta' provi b'rabta mar-reat ta' money laundering f'din il-kompilazzjoni, għaliex sakemm l-imputat ma

---

[7] Xhieda tat-23 ta' Diċembru 2020.
[8] Stqarrija tal-imputat Matthew Vassallo: Dok. MV2.
[9] Dok. EGF1. Paġna 122 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[10] Paġna 122 tal-atti tal-kompilazzjoni.

jkunx ġie dikjarat ħati minn awtorita' ġudizzjarja dwar ir-reati li jkun akkużat bihom, għandu jkun preżunt innoċenti.

Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-prova li saret bit-testimonjanza tal-uffiċjali tal-Pulizija li xehdu dwar l-arrest u l-prosekuzzjoni tal-imputat dwar ir-reat ta' pussess aggravat ta' droga illegali għandha tiġi mwarrba mingħajr ma tingħata ebda piż kwalsiasi. Kif rajna diġa', huwa stabbilit mix-xhieda ta' l-Ispettur Malcolm Bondin, l-Ispettur Michael Vella u x-xhieda ta' uffiċjali oħrajn tal-Pulizija, illi l-imputat kien diġa' ġie arrestat u mressaq taħt arrest fl-istess sena 2018[11], akkużat bi pussess aggravat ta' droga kokajina u erojina, filwaqt li jirriżulta wkoll li meta reġa' ġie arrestat il-Belt Valletta fil-pussess ta' droga suspettata eroina f'Novembru 2020, l-istess imputat kien ammetta li din id-droga kienet fil-pussess tiegħu u li kien ser jikkonsma din id-droga huwa stess[12].

Il-fatt tal-arrest fuq pussess ta' droga u l-fatt li l-imputat ġie mressaq taħt arrest u mixli fi proċeduri separati bir-reat ta' pussess aggravat ta' droga erojina u kokajina, ifisser, naturalment, li kien jeżisti suspett raġjonevoli li l-istess imputat kellu fil-pussess tiegħu droga illegali, kif ukoll suspett raġjonevoli illi din id-droga ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu. Għall-Qorti il-fatt tas-suspett raġjonevoli tal-involviment tal-imputat fir-reat tal-pussess aggravat ta' droga, jikkostitwixxi indizzju dwar l-involviment tal-imputat f'attivita' kriminali f'reati li għandhom x'jaqsmu mad-droga illegali u għalhekk – filwaqt li għandha raġun id-difiża li fiha nnifisha l-lista ta' kawżi esebita mir-Reġistratur ma tagħmel ebda prova dwar xi ħtija tal-imputat fil-proċeduri li għadhom pendenti - il-prova indizzjarja mnissla mix-xhieda msemmija ma tistax ma tingħatax xi xejra ta' piż mill-Qorti fid-determinazzjoni dwar ness bejn il-proprjeta' li nstabet fil-pussess tal-imputat u xi attivita' kriminali sottostanti.

[11] Ukoll fis-sena 2013, iżda din il-prova mhux sejjer jittieħed in konsiderazzjoni peress li kif tajjeb ġie sottomess mid-difiża, jeżorbita l-parametri ta' żmien tar-reat.
[12] Ġie wkoll akkużat bil-pussess aggravat tal-istess droga – Dok. MV1.

Għalhekk, f'dan il-kwadru sħiħ ta' provi u indizzji, il-Qorti tirravviża ness pożittiv u konkret, ippruvat minn evidenza ċirkostanzjali li meħuda komplessivament hija univoka, bejn il-flus li nstabu fil-pussess tal-imputat u attivita' kriminali rikorrenti konsistenti fit-tentattiv ta' xiri ta' droga, kif ukoll fil-pussess ta' droga da parti tal-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit in-ness bejn l-imputat, il-proprjeta' u l-attivita' kriminali sottostanti, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex turi li ma hemmx spjegazzjoni plawsibbli għall-fatt illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu is-somma ta' €39,890.

Illi d-difiża argomentat fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi l-Pulizija naqset milli tinvestiga kif imiss ir-reat ta' money laundering u tipprezerva l-provi kollha inkluż dawk favur l-imputat għaliex minkejja li l-imputat kien stqarr waqt l-interrogazzjoni li kien megħjun finanzjarjament minn missieru u oħtu u persuni oħrajn, il-Pulizija ma bagħtitx għal dawn il-persuni biex jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet tal-imputat kellhomx mis-sewwa. Ġie sottomess illi dan in-nuqqas għandu jimmilta kontra l-prova li jrid jintlaħaq mill-Prosekuzzjoni li l-imputat ma tax spjegazzjoni raġjonevoli l-għala kien qed iġorr fuq il-persuna tiegħu ammont sostanzjali ta' flus.

Fil-fehma tal-Qorti, l-evidenza miksuba fil-fażi investigattiva tal-proċess hija determinanti biex jiġi stabbilit jekk il-persuna suspettata tistax tiġi mixlija bi prospett raġjonevoli ta' suċċess quddiem il-Qorti, il-parametri li fihom ir-reat jiġi inkwadrat u l-mod kif tinġieb din l-evidenza. Il-fażi investigattiva tal-proċess kriminali hija kruċjali għaliex investigazzjoni effettiva hija l-għodda

biex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti u tistrieħ fuq salvgwardji u proċeduri adegwati biex jiġu assigurati mhux biss id-drittijiet tal-vittma tar-reat iżda wkoll bl-istess mod id-drittijiet tal-persuna suspettata li entrambi għandhom aspettattiva leġittima li l-investigazzjonijiet jiġu kondotti b'mod effettiv u sħiħ biex tinkixef l-evidenza kollha kemm kontra kif ukoll favur il-persuna akkużata.

Il-Qorti taqbel ukoll illi safejn ikun qed jiġi investigat reat kriminali li f'wieħed jew iktar mill-elementi tiegħu l-oneru tal-prova jinxteħet fuq l-akkużat, bħar-reat tal-ħasil tal-flus fejn jispetta lill-akkużat l-oneru tal-prova tal-provenjenza leġittima tal-fondi li huma suspettati rikavat tal-kriminalita', jeħtieġ li jiġu kondotti investigazzjonijiet kompluti u metikolużi mill-Pulizija biex tinkixef l-evidenza kollha relevanti favur u kontra s-suspettat u l-ommissjoni tal-investigatur li jieħu l-verżjoni tal-persuna suspettata qabel tittieħed id-deċiżjoni biex il-persuna tiġi akkużata quddiem il-qorti, tista' titqies bħala nuqqas tal-awtoritajiet invesigattivi u prosekuturi li jippriżervaw u jipproduċu evidenza u materjal rilevanti li setgħet tiġi miġbura bħala parti minn investigazzjoni diliġenti.

Iżda dan premess, ma jfissirx illi l-investigazzjonijiet huma intiżi wkoll biex jistabbilixxu, preventivament għad-deċiżjoni li tinbeda prosekuzzjoni dwar ir-reat, jekk l-ispjegazzjoni offruta mill-imputat dwar il-provenjenza tal-proprjeta' li qed jiġi suspettat li tkun oriġinat minn attivita' kriminali, hijiex il-verita'. Dan il-kompitu jispetta biss lill-qorti fil-proċeduri kriminali li talvolta jinbdew għar-reat li jkun ġie investigat. L-ispjegazzjoni offruta mis-suspettat, kif ingħad, hija strumentali għad-deċiżjoni dwar jekk il-persuna suspettata għandhiex u tistax titressaq b'qies raġjonevoli ta' suċċess quddiem il-qorti akkużata bir-reat kriminali u tmur ukoll biex titqies fost il-ġabra tal-evidenza tal-investigazzjoni li tifforma l-bażi tal-prosekuzzjoni u għandha wkoll tinġieb fil-kawża bħala evidenza favur l-imputat. Iżda ma tistax taqbel li l-obbligazzjoni li jittieħdu l-

miżuri kollha raġjonevolment meħtieġa biex l-evidenza teżisti tinġabar u tiġi preżervata, neċessarjament tinkludi wkoll l-obbligu li jinġabru u jiġu priżervati l-provi kollha li d-difiża tkun bi ħsiebha tressaq fil-proċeduri kriminali eventwali.

L-eżistenza ta' suspett raġjonevoli li l-persuna suspettata kkommettiet reat huwa biżżejjed biex jiġġustifika l-prosekuzzjoni tas-suspettat b'dak ir-reat. Stabbilit dak is-suspett, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 356 tal-Kodiċi Kriminali jimponu fuq il-Pulizija Eżekuttiva d-dmir li ġġib quddiem il-qorti l-provi kollha li tkun ġabret fuq ir-reat u tibqa' tagħti kull informazzjoni oħra li jista' jkollha dwar ir-rea.

Jinsab ritenut paċifikatament in materja speċifikatament tal-jedd protett taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, illi obbligazzjoni li jittieħdu l-miżuri kollha raġjonevolment meħtieġa biex l-evidenza teżisti tinġabar u tiġi preżervata, fejn nuqqasijiet jew ommissjonijiet fl-operat tal-proċess investigattiv li huma sostanzjali u manifesti jitqiesu li jilledu d-drittijiet tal-vittma. In tema, ingħad li "*Where prosecuting authorities have **failed to secure** and disclose evidence which could have been collected has they properly discharged its obligations,*", nuqqas bħal dik jista' jagħti lok għal abbuż tal-proċess.[13]

Ukoll, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ **Jespers v. Belgium** (1981) intqal:-

"*the Commission placed considerable importance on the disparity of resources and power between the prosecution and the defence in criminal cases. Considering the meaning of 'facilities' in Article 6(3)(b), the Commission found that an equality of arms could only be achieved if the prosecution was under a*

[13] Human Rights in Criminal Law, paġna 296 (enfasi tal-Qorti).

*duty to use its police machinery, considerable technical resources and means of coercion to gather evidence in favour of the accused as well as evidence against him*".[14]

Iżda fil-każ in diżamina, il-Qorti ma tistax taqbel li l-Pulizija naqset f'xi dover tagħha li tagħmel investigazzjonijiet xierqa dwar is-suspettat reat, wisq inqas li llediet id-drittijiet tad-difiża. Il-fatt li l-Pulizija evidentement ma emmnitx il-verżjoni tal-imputat dwar il-provejnenza tal-flus u xlietu bir-reat ta' money laundering mingħajr ma intervistatx lil min l-imputat indika li kien is-sors tal-flejjes li nstabu fil-pussess tiegħu, ma jfissirx li skartat il-provi li indikalhom l-imputat fl-istqarrijiet rilaxxati minnu u lanqas ma jfisser li l-Prosekuzzjoni naqset milli tistabbilixxi kif imiss li ma teżistix spjegazzjoni raġjonevoli dwar il-provenjenza tal-flus li nstab fil-pussess tal-imputat. Ovvjament il-Pulizija m'hijiex marbuta taqbel mal-ispjegazzjoni li jkun ipprovda s-suspettat għal egħmilu u fi kwalsiasi każ, il-Prosekuzzjoni fil-każ in diżamina pproduciet hija stess bħala xhieda lil Reuben Vella tal-għaqda Helping Hands, u lil rappreżentant ta' Bank of Valletta p.l.c.[15] b'rabta mal-akkwist tal-garaxx u s-sors tal-fondi li ġew applikati għall-ħlas tal-prezz fuq il-kuntratt tal-akkwist relattiv – persuni li kienu msemmijin mill-imputat waqt l-interrogazzjoni li x-xhieda tagħhom tikkostitwixxi prova favur l-imputat - u dan b'konformita' mal-obbligu ravviżat fl-artikolu 356 tal-Kodiċi Kriminali.

Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx mad-difiża fis-sottomissjoni tagħha li l-Pulizija ma wettqitx id-dover tagħha ta' investigazzjoni xierqa u li ppreġudikat il-pożizzjoni tal-imputat fil-proċeduri.

Ikkunsidrat;

[14] Human Rights in Criminal Law, paġna 296.

[15] Mark Falzon, xhieda tat-23 ta' Diċembru 2020 li kkonferma li l-bank draft li nħareġ favur l-Awtorita' tad-Djar fl-10 ta' Jannar 2019 fis-somma ta' €13,525 inħareġ mill-kont bankarju ta' Luana Vassallo..

Ngħaddu issa biex jiġi stabbilit jekk mill-ġabra tal-provi il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tistabbilixxi, imqar fuq bażi *prima facie*, li l-imputat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kienux flus, proprjetà jew rikavat li oriġina minn attivita' kriminali.

Mhux kontestat illi l-flus fis-somma ta' €39,890 li nstabu fil-vettura misjuqa mill-imputat, tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni MUG-022 fid-29 ta' Novembru 2018, u jinsabu esebiti formalment fl-atti tal-kompilazzjoni, jappartjenu lill-imputat Matthew Vassallo. Mix-xhieda[16] jirriżulta wkoll illi dan il-flus kontanti instabu parti minnhom jiġru ma' saqajn wieħed mill-passiġġieri fil-vettura misjuqa mill-imputat, u parti minnhom ġewwa boroż tal-plastik fil-console tal-istess vettura, f'ċirkostanzi li juru li kienet sejra sseħħ transazzjoni ta' droga ma' ċertu Etienne Farrugia.

L-imputat jistqarr bla tlaqliq li dan il-flus jappartjeni lilu u fl-istqarrija li rrilaxxa meta kien ġie interrogat dak iż-żmien, jiġġustifika l-fatt li kellu fil-pussess tiegħu ammont daqshekk sostanzjali ta' flus kontanti billi jsostni illi huwa kien sejjer jara ħanut tal-pastizzi ġewwa Ħal Qormi biex jixtrih jew jikrih. Insista illi dawn il-flejjes irnexxielu jfaddalhom fuq medda ta' seba' snin bil-flus li rċieva in linea ta' benefiċċji soċjali, li minnhom kien iwarrab is-somma ta' €500 fix-xahar, u mill-bejgħ tal-kotba li kienu jippubblikaw l-għaqdiet volontarji Helping Hands u Hope fuq medda ta' ċirka tmien snin, kif ukoll minn donazzjonijiet ta' flus li jirċievi mingħand in-nies minħabba d-diżabilita' tiegħu waqt li jkun qed ibiegħ il-kotba[17].

[16] Ara xhieda PC 118 Eman Joe Borg
[17] Meta xehed quddiem il-Qorti żied jgħid illi parti mill-flus li kellu fuqu meta ġie arrestat, kienet ġejja mill-prezz tal-bejgħ ta' vettura tal-għamla BMW fis-somma ta' €10,000.

Hawnhekk għandu jingħad illi l-imputat ibati minn diżabilita' permanenti wara li tilef saqajh it-tnejn (*double amputee*) għall-ħabta tal-2007, ċioe' fiż-żmien meta beda jirċievi benefiċċji soċjali konsistenti f'*severe disability assistance* u *sickness assistance*, fis-somma komplessiva ta' ċirka €550 fix-xahar.

**Fl-istqarrija li ġiet rilaxxata minn Matthew Vassallo waqt li kien qed jiġi interrogat fid-29 ta' Novembru 2018**, meta ġie arrestat mill-uffiċjali tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, wara li rrinunzja għall-jedd ta' assistenza legali, huwa kien stqarr li huwa jaħdem "*daqsxejn*", billi ilu għall-aħħar tnax-il sena jbiegħ il-kotba tal-organizzazzjoni Helping Hands, ħdejn Bieb il-Belt, fejn ibiegħ bejn 30 u 50 ktieb kuljum bi qligħ ta' €1.20 fuq kull ktieb. Stqarr li għandu wkoll gabbana tal-*fast food,* liema gabbana kien xtraha minn flusu għall-prezz ta' €4,500 madwar tmien xhur qabel u rranġaha billi nefaq €500, iżda arma biss darbtejn, fejn daħħal €200 kull darba iżda ma jafx xi qligħ kellu. Stqarr li ilu wkoll madwar tnax-il sena jirċievi is-somma ta' €465 fix-xahar f'benefiċċju tad-diżabilita', liema somma jfaddalha u ma jonfoqx minnha. Qal li b'kollox ifaddal ċirka €500 fix-xahar.

Fl-istess stqarrija, l-imputat iddikjara wkoll illi bħala spejjeż, huwa jħallas is-somma ta' €100 fix-xahar in linea ta' manteniment għat-tliet uliedu, u jaqsam ma' missieru il-kera u l-ispejjeż tad-dar fejn jgħixu.

Dwar il-persuni li kienu passiġġieri fil-vettura tiegħu meta ġew imwaqqfa mill-Pulizija, huwa stqarr li wieħed minnhom, kien ilu jafu xi xaharejn u kien rah fuq il-bustop u offra jwasslu Bulebel fejn jaħdem, iżda ma jafx x'jismu, filwaqt li l-ieħor, Charlston, kien rah ħdejn l-għalqa tiegħu u waqaf ikellmu fejn l-għalqa dwar xi żwiemel. Qal li Charlston kien rikeb fil-vettura biex ikellmu sakemm huwa kien ser imur jipparkja jew idur dawra mal-blokk, iżda laħqu ġew il-

Pulizija. Stqarr ukoll illi wara, kien bi ħsiebu jitlaq lit-Taljan fuq l-istage u jibqa' sejjer lejn id-dar.

Dwar Etienne Farrugia, Matthew Vassallo stqarr li kien ilu jafu biss xi jumejn iżda biss minn wiċċu, u qatt ma ltaqa' miegħu u lanqas jaf x'vettura jsuq jew x'jaħdem Etienne Farrugia. Ċaħad illi kien ser jiltaqa' ma' Etienne Farrugia biex ipartat il-flus li nstabu fil-vettura tiegħu, ma' drogi.

Mistoqsi għaliex kien qed iżomm ammont sostanzjali ta' flus kontanti fil-vettura tiegħu, l-imputat qal "*Fejn trid iżżommhom allura?*". Qal ukoll li kien ilu jumejn iġorr dan il-flus fil-vettura għaliex kien bi ħsiebu jixtri jew jikri xi ħanut tal-pastizzi ("*biex forsi nsib ħanut*") u kien sejjer jara żewġt ikmamar fit-triq tal-pompa ta' Ħal Qormi, iżda ma kienx għadu tkellem mas-sid u ma kienx jaf eżatt fejn kienu jinsabu dawn iż-żewġt ikmamar. Ammetta illi għall-bidu, meta l-Pulizija kienu sabulu l-flus fil-vettura, kien ċaħad mal-Pulizija illi l-flus kienu tiegħu u dan għaliex beża', iżda ma jafx għaliex beża'.

**Fl-istqarrija li rrilaxxa sentejn wara, fis-26 ta' Novembru 2020**, waqt interrogazzjoni li għaliha kien assistit legalment, l-imputat ikkonferma li l-flus li kienu nstabu fil-vettura Toyota Vitz fid-29 ta' Novembru 2018 kienu tiegħu u sostna li dawn kien ġemmagħhom mill-ħlas ta' benefiċċji soċjali li rċieva fis-seba' snin ta' qabel kif ukoll mill-bejgħ tal-bijografija tiegħu, li minnu rċieva s-somma ta' €15,000. Kuntrarjament għal dak li ġie dikjarat fl-ewwel stqarrija, l-imputat, fis-26 ta' Novembru 2020, sostna li kien qed iżomm il-flus fuqu għaliex ħuh jieħu d-droga u "*kemm il-darba ħadli l-flus*" u ddikjara wkoll li huwa ma jħallas ebda kera jew spejjeż ta' dawl, ilma jew ikel għaliex iħallas kollox missieru u qal ukoll li ma jħallas xejn f'manteniment għat-tliet uliedu u lanqas għal spejjeż tal-edukazzjoni u spejjeż tas-saħħa.

Rigward il-gabbana qal li kien jarma meta tiġi l-festa u ġieli daħħal €500 minn din l-attivita' iżda sostna li l-flus li daħħal minn din l-attivita' kien nefaqhom u ma kienux jifformaw parti mill-flus li nstabu fil-vettura. Qal ukoll li l-gabbana ma kienetx tiegħu iżda kien jikriha kull darba li kien jarma, mingħand persuna li ma jafx x'jisimha.

Żied jgħid ukoll li jaqla' ħafna flus minn donazzjonijiet li jagħtuh in-nies kuljum meta jkun qed ibiegħ il-kotba minn Bieb il-Belt bejn is-7a.m. u l-10 a.m. u kkalkula li kien jirċievi ċirka €70 kuljum f'donazzjonijiet matul dawn it-tliet sigħat, filwaqt li fi żmien il-Milied ġieli akkwista €300 f'ġurnata.

Matthew Vassallo stqarr ukoll li f'Jannar 2019 kien xtara garaxx mingħand l-Awtorita' tad-Djar ġewwa Birkirkara għall-prezz ta' €13,500, liema prezz kien ħallsu kollu bi flus li kienet sellfitu oħru Luana Vassallo, u sadanittant kien ħallasha lura l-ammont kollu li kienet silfitu. Stqarr li kien xtara żiemel u kien kera remissa l-Marsa u b'kollox kien iħallas €200 fix-xahar u kien xtara wkoll vann għall-prezz ta' €5,000 li minnu kien ħallas depozitu ta' €1,000 u pagamenti fix-xahar ta' €250. Sostna madankollu illi dawn l-ispejjeż kien iħallashomlu kollha missieru li kien jagħtih ukoll il-flus għall-ħajja.

**L-imputat għażel li jixhed quddiem il-Qorti**. Huwa afferma illi missieru jħallaslu l-ispejjeż kollha u hu ma jħallas xejn, lanqas manteniment għat-tliet uliedu minorenni, u l-flus kollha li jirċievi inkluż il-ħlasijiet tal-benefiċċji soċjali, iżommhom kollha d-dar. Xehed ukoll li meta waqt li kien qed jiġi interrogat fis-26 ta' Novembru 2020 qal li kellu żiemel, dan ma kienx minnu u kien qal hekk biss biex ma jibqax arrestat u ċaħad li qatt kellu xi żiemel. Sostna li ma kienx iħalli l-benefiċċji soċjali jakkumulaw fil-kont bankarju għaliex inkella ma jibqax eliġibbli għall-ħlas tal-benefiċċji u qal ukoll illi kien beża' li jitteħdulu l-flus mill-kont bankarju tiegħu wara li kuġinuh kien tella' kont ma'

Melita Limited fis-somma ta' €700, liema kont kien aċċetta li jirreġistrah f'ismu bħala pjaċir.

Fir-rigward tal-vann tal-għamla Mitsubishi, l-imputat xehed illi kien ħallas parti mill-prezz tal-vettura billi partat il-kiosk li kien jiswa €3,500 u sena kera tal-garaxx ta' Birkirkara u in segwitu ħallas żewġ pagamenti ta' €250 kull wieħed[18].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-verżjoni mogħtija mill-imputat dwar il-movimenti tiegħu fil-ħinijiet ta' qabel ġie arrestat fid-29 ta' Novembru 2018 m'hija xejn konvinċenti jew plawsibbli, filwaqt li l-verżjoni li ta fi tliet okkażjonijiet separati dwar il-provenjenza tal-flus li kellu fil-pussess tiegħu fid-29 ta' Novembru 2018, huma manifestament inkonsistenti ma' xulxin. L-imputat ikkontradixxa ruħu wkoll f'diversi aspetti materjali oħrajn tal-verżjoni tiegħu, verżjoni li lanqas m'hi konfortata bix-xhieda tal-persuni li tressqu biex jixhdu għad-difiża tiegħu u lanqas mar-riżultanzi tal-provi proċesswali inkluż dawk ċirkostanzjali.

L-imputat ikkontradixxa ruħu wkoll meta qal li jiġbed l-assistenza soċjali kollu mill-bank għaliex ikun irid iżommhom id-dar u mhux il-bank: filwaqt li fl-ewwel stqarrija tiegħu qal illi ma riedx iżomm flus fil-kont tal-bank għaliex kuġunih kien irreġistra mobile phone fuq ismu iżda ma kienx ħallas il-kont tal-Melita u beża' li jittieħdulu mill-kont, fit-tieni stqarrija tiegħu, l-imputat kien qal li jżomm il-flus kontanti kollha fuqu u ma kienx irid iħallihom id-dar għaliex ħuh kien jisraqhomlu peress li jieħu d-droga. L-istess inkonsistenzi huma riskontrabbli fl-ispjegazzjoni tiegħu dwar kif ħallas parti mill-prezz tal-vettura Mitsubishi, jekk il-gabbana kienx xtraha jew kine jikriha, il-kontribut o meno

[18] Dan ġie konfermat minn Tarcisio Borg, xhieda tad-9 ta' Diċembru 2020.

tiegħu lill-ħlas tal-ispejjeż tal-kera tar-residenza fejn jgħix ma' missieru u l-ispejjeż tal-ħajja, il-ħlas tal-manteniment għal uliedu minuri, u l-eżistenza o meno taż-żiemel.

Il-verżjoni tal-imputat illi Charlston Cassar kien daħal fil-karozza li kien qed isuq l-imputat, biex jitkellmu fuq xi żwiemel[19], u li l-flus li kellu vettura kien ħadhom miegħu biex jixtri ħanut tal-pastizzi, ma tistax titwemmen meta mhux biss jirriżulta li l-vettura li kien qed isuq l-imputat dak il-ħin, Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni MUG-022, kienet ta' Charlston Cassar innisfu (Dok. SC), iżda jirriżulta wkoll li l-imputat lanqas kien jaf jidentifika l-post in kwistjoni u kien għadu lanqas qatt tkellem mas-sid tal-ħanut, li baqa' injot.

F'dan il-kwadru tal-fatti konċernanti s-sejba ta' flus kontanti fil-pussess tal-imputat, fl-isfond ta' inkonsistenzi manifesti fl-ispjegazzjoni dwar il-provejnenza tal-istess flus, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Kap. 101, il-Qorti tqis illi l-imputat ma tax spjegazzjoni loġika u plawsibbli dwar l-origini tal-flus li nstabu fil-pussess tiegħu u tqis illi l-oneru tal-prova jixxaqleb fuqu biex juri, sal-grad tal-probabbli, l-oriġini leċita tal-flus.

**<u>Dħul</u>**

Jirriżulta illi l-imputat jirċievi ħlas kull xahar ta' *disability pension* (sussegwentement '*severe disability assistance*') kif ukoll *sickness assistance* komplessivament fis-somma medja ta' €6,500 fis-sena[20], ġewwa l-kont bankarju f'ismu ma' Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40013206961.

---

[19] Ir-referenza għaż-żwiemel hija konsistenti mal-fatt li l-imputat għandu xi xejra ta' interess fiż-żwiemel u tikkonforta l-verżjoni fl-ewwel stqarrija tiegħu li kien xtara żiemel u kera remissa biex iżommu fih.
[20] Ara wkoll Dok. ST, paġna 254 tal-atti tal-kompilazzjoni.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi l-imputat kien jaħdem b'mod regolarizzat biss perijodikalment fiż-żmien tar-reat, ċioe' fix-xhur u snin qabel jew wara Novembru 2018[21] iżda ma ddikjara ebda qligħ minn dan l-impieg għal rasu mal-awtoritajiet fiskali, għalkemm meta kien qed jiġi interrogat, iddikjara illi kien jagħmel qligħ ta' ċirka €200 kull darba kien rama' l-gabbana fil-festi.

L-imputat sostna illi mill-bejgħ ta' magazines pubblikati mill-għaqda volontarja Helping Hands, huwa kien tħallas b'kollox is-somma ta' €15,000. Iżda mix-xhieda ta' Reuben Vella, is-sid ta' din l-għaqda, u r-rendikont esebit minnu, jirriżulta illi l-imputat b'kollox ma kienx irċeva iktar minn €4,000[22]. Madankollu, Clint Zammit, mill-organizzjazzjoni Hope, xehed illi kien ħallas lill-imputat is-somma ta' €12,000 sittax-il sena qabel, ċioe' fis-sena 2008, mill-bejgħ ta' kotba li ġew pubblikati bil-għan illi jinġabrulu fondi għall-bżonnijiet finanzjarji tiegħu.

Sostna wkoll illi huwa kellu vettura tal-għamla BMW u kien biegħha għall-prezz ta' €10,000. Madanakollu, ma ġab ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni, apparti l-konsiderazzjoni ovvja li l-imputat qed iħalli barra mill-formula, il-prezz tal-akkwist tal-vettura BMW.

Skont l-imputat, b'żieda mad-dħul hawn fuq imsemmi, huwa faddal is-somma ta' €500 fix-xahar fuq perijodu ta' seba' snin mid-dħul tal-benefiċċji soċjali u jirċievi wkoll bosta donazzjonijiet minn diversi persuni meta jkun qed ibiegħ il-kotba minn Bieb il-Belt.

Għalkemm il-Qorti tqis li huwa probabbli li l-imputat jirċievi donazzjonijiet ta' flus mingħand persuni differenti meta jkun qed ibiegħ il-kotba f'Bieb il-Belt,

---

[21] Ara Dok. BZ1.

[22] Dok. RV. Jirriżulta li l-imputat kien jaħdem ma' din l-organizzazzjoni bejn l-2016 u 2020 u l-magazines kienu jinbiegħu għall-prezz ta' €4 kull wieħed, li minnu l-imputat kien jitħallas €1.20.

dan il-flus ma jistax jingħadd fost il-qligħ leġittimu tal-imputat, meta l-Qorti ma għandha l-ebda prospett jew indikazzjoni konkreta tal-ammont ta' flus li rċieva minn donazzjonijiet matul is-snin. Barra dan il-fatt illi jekk tassew l-imputat irċieva l-ammonti sostanzjali li ddeskriva fix-xhieda u l-istqarrijiet tiegħu f'donazzjonijiet ta' flus mingħand terzi, dawn kienu taxxabbli iżda ma jirriżultax illi l-imputat iddikjarahom mal-Kummissarju tat-Taxxi[23]. Kif sewwa ġie sottomess mill-Prosekuzzjoni, id-dħul minn donazzjonijiet ta' flus m'huwiex eżenti mit-taxxa għaliex dan id-dħul ma jinsabx fost id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Kap. 123 - li jelenka b'mod kategoriku id-dħul li huwa eżenti mit-taxxa. Għalhekk id-donazzjonijiet ma jistgħux jingħaddu fost il-qligħ leġittimu tal-imputat.

## Infiq

L-imputat stqarr illi kienu jieħu d-droga u li ġie akkużat fi proċeduri kriminali separati b'rabta mal-pussess tad-droga. Fil-fatt mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta illi l-imputat kien ġie mressaq taħt arrest quddiem il-qorti akkużat bil-pussess aggravat tad-droga erojina u kokajina, fi tliet okkazzjonijiet separati, fit-8 ta' Ottubru 2013[24] (Dok. MB1), fl-2018[25] (Dok. MB2) u fl-24 ta' Ottubru 2020[26] (Dok. MV1). L-imputat stqarr bla tlaqliq fix-xhieda kif ukoll fl-istqarrija rilaxxata minnu fl-24 ta' Ottubru 2020[27], illi huwa kien għamel żmien jabbuża mid-droga tant illi ammetta wkoll li għalkemm ma kienx bi ħsiebu jbiegħ il-qratas bid-droga li kienu nstabu fil-vettura tiegħu waqt it-tfitxxija li saret, kien sejjer jikkonsmahom huwa stess. Għall-Qorti, dan ifisser mhux biss illi l-imputat kellu vizzju tad-droga iżda wkoll li biex isostni dan il-vizzju kellu jonfoq, loġikament, ammont ta' spejjeż b'mod rikorrenti,

---

[23] Ara xhieda ta' Joseph Debono.
[24] Kump. 511/2013.
[25] Kump. 126/2018.
[26] Kump. 97/2020.
[27] Waqt l-investigazzjoni li saret in konnessjoni mas-sejba ta' droga fil-vettura tiegħu dakinhar stess.

liema spejjeż ma jirriżultax u m'huwiex raġjonevoli li tinġbed inferenza li dawn l-ispejjeż kien iħallashomlu missieru.

Fil-perijodu li għalih jirreferu l-akkużi jirriżulta wkoll, minn eżami tal-atti proċesswali, li l-imputat kien akkwista diversi vetturi, tmienja b'kollox, u fid-29 ta' Novembru 2018 u fis-snin sussegwenti, erba' minn dawn il-vetturi kienu għadhom liċenzjati f'ismu[28]. Jirriżulta wkoll illi fl-istess żmien, ċioe' bejn is-sena 2016 u 2019, l-imputat kellu żewġ vetturi oħrajn assigurati f'ismu liema vetturi madanakollu ma kienux fost dawk liċenzjati f'ismu[29]. Stqarr ukoll li kellu dgħajsa u gabbana li kien nefaq €5,000 fuqha.

Huwa stabbilit illi permezz ta' kuntratt ippubblikat fil-11 ta' Jannar 2019, l-imputat akkwista mingħand l-Awtorita' tad-Djar il-proprjeta' tal-garaxx bin-numru 4, f'kumpless ta' garaxxijiet ġewwa Triq il-Wejter, Birkirkara, għall-prezz ta' €13,500 (Dok. AX1), liema prezz ġie mħallas *in toto* fuq il-kuntratt minn oħtu Luana Vassallo. L-imputat xehed illi kienet oħtu li kienet sellfitu l-flus biex iħallas il-prezz tal-garaxx li kien xtara f'Jannar 2019 fis-somma ta' €13,500. Filwaqt li huwa stqarr li kien ħallasha lura l-prezz kollu li sellfitu, Luana Vassallo xehdet illi kien ħallasha lura biss is-somma ta' ċirka €4,000.

Ikkunsidrat;

Illi bejn is-snin 2012 u l-aħħar tas-sena 2018, ċioe' fis-seba' snin li skont l-imputat huwa faddal il-benefiċċji soċjali kollha li kien jirċievi, jew €500 fix-xahar, jirriżulta li l-imputat irċieva f'benefiċċji soċjali eskluż *children's allowance* u *children's supplement*, is-somma totali ta' cirka €46,000 (Dok. ST). Dan ifisser illi biex seta' faddal is-somma totali ta' €40,000, l-imputat ma kien

[28] Dok. BF – minn paġna 336 sa paġna 360 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[29] Ara Dok. 2 formanti parti minn Dok. IB, paġna 511 tal-atti tal-kompilazzjoni.

nefaq prattikament xejn minn dawn il-benefiċċji matul dawk is-seba' snin. Dan huwa inkonċepibbli u fl-aħjar ipotesi għall-imputat, mhux plawsibbli, meta wieħed iqis illi l-imputat inizzjalment stqarr li kien jikkontribwixxi għall-kera tar-residenza fejn jgħix ma' missieru u għall-ispejjeż tal-ħajja, u jirriżulta wkoll li matul is-snin, huwa xtara diversi vetturi, gabbana, żwiemel u dgħajsa tal-għamla 'Open Boat' (S-12231) li ġiet reġistrata f'ismu fl-14 ta' Lulju 2020[30]. Anke jekk għal mument wieħed jgħodd ukoll id-dħul mill-bejgħ tal-kotba li l-imputat irċieva matul l-għaxar snin ta' qabel, fis-somma totali ta' €16,000, ikun ifisser illi ma setax jonfoq iktar minn medja ta' €250 fix-xahar. Fil-fehma tal-Qorti, l-infiq li jġib miegħu ix-xiri u manutenzjoni ta' vetturi, gabbana li tiswa €5,000, dgħajsa, u xiri ta' garaxx għall-prezz ta' €13,500[31], m'huwiex konsistenti mal-infiq ta' persuna b'mezzi finanzjarji bħal dawk tal-imputat, wisq inqas meta wieħed iqis ukoll li l-imputat kien jabbuża mid-droga.

B'żieda ma' dan il-Qorti ma tqisx bħala kredibbli l-allegazzjoni tal-imputat li ma nefaq xejn mill-flus li kien irċieva in linea ta' benefiċċji soċjali u li kien ifaddal is-somma ta' €500 fix-xahar fuq perijodu ta' seba' snin. Mhux verosimili lanqas li l-flus kontanti li ġew konfiskati mill-pussess tiegħu fid-29 ta' Novembru 2020 kienu sewwasew dak il-flus li kien faddal mill-benefiċċji soċjali. Ħarsa lejn l-i*statements* tal-kont bankarju tal-imputat turi li l-imputat kien jiġbed il-parti l-kbira mill-benefiċċju soċjali ftit ġranet biss wara li dan kien jiġi depożitat fil-kont, biex il-kont qatt ma kien jinġema' fih xi bilanċ materjali[32]. Inoltre, il-flus ma kienx jinħareġ mill-kont f'salt, f'ammont wieħed fix-xahar, kif wieħed jistenna jekk ikun ser isir xi *withdrawal* ta' flus biex dan jiġi merfugħ, iżda l-*withdrawals* kienu jsiru kull xahar dejjem f'ammonti żgħar fuq medda ta' ftit ġranet jew saħansitra diversi *withdrawals* fl-istess ġurnata.

---

[30][30] Ara paġna 505 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[31] Skont l-imputat, sa Novembru 2020 huwa kien laħaq ħallas lura lil oħtu l-prezz kollu ta' €13,500, li jfisser ripagamenti ta' €613 fix-xahar.
[32] Statements Dok. MF3 u Dok. MF4.

Dan il-pattern ta' ħafna *withdrawals* separati anziche' f'ammont wieħed f'daqqa, ma huwa xejn affattu konsistenti mal-allegazzjoni li l-flus kienu jinġibdu biex jgħaddihom lil missieru biex jerfagħhomlu u jfaddalhomlu, iżda huwa indikattiv ta' *withdrawals* li jsiru skont il-bżonn.

Paul Vassallo, missier l-imputat, xehed biss "*ilni snin infaddallu dak*" b'riferenza għal ibnu l-imputat, mingħajr, iżda, ma ppreċiża meta beda jfaddal il-flus għal ibnu jew is-sors tal-flus li kien ifaddallu, u wkoll mingħajr ma spjega l-ammont u l-frekwenza li biha ibnu kien jgħaddilu flus biex ifaddalhomlu. Ix-xhud ma qal f'ebda waqt matul id-depożizzjoni tiegħu li huwa kien għadda lil ibnu s-somma ta' €40,000 mill-flus li kien faddal, biex imur jixtri xi ħanut bihom jew li kien għaddilhomlu għaliex setgħu jinsterqu minn ġewwa r-residenza minn ibnu l-ieħor li għandu l-vizzju tad-droga. Hija nieqsa wkoll il-prova dwar kemm kien hemm flus mill-ħlas tal-benefiċċji soċjali merfugħin għand Paul Vassallo.

Miżmum ferm dan kollu, il-Qorti ma temminx lill-imputat illi l-flus li kien jirċievi mill-ħlas ta' benefiċċji soċjali kien jiġbidhom kollha mill-kont bankarju tiegħu biex iżommhomlu missieru, u li hu żgur, ma jirriżultax sodisfaċjentement mill-provi illi l-flus li kien faddal għal ibnu kienu sewwasew dawk li ġew konfiskati. Biex il-Qorti tasal biex taċċetta, imqar għal mument, li l-flus li kellu fil-pussess tiegħu l-imputat meta ġie arrestat fid-29 ta' Novembru 2020 kienu dawk li kien ġemmagħhomlu missieru, tistenna li ssib dikjarazzjoni speċifika u espressa tal-istess missieru fix-xhieda tiegħu dwar l-ammont preċiż akkumulat u li minn dawn il-flejjes kien għadda s-somma ta' €40,000 lill-imputat u ma kienux għadhom għandu.

Iżda Paul Vassallo ma xehedx li l-flus li kien iġemma' konsistentement matul is-snin għal ibnu, ma kienux għadhom għandu għaliex kien tahom lill-imputat

għaliex ried jikri ħanut jew għaliex dawn kienu ser jinsterqu minn ibnu l-ieħor, ħu l-imputat, li għandu vizzju tad-droga. Għalkemm tqis li probabbilment, missier l-imputat tassew kien jerfagħlu xi flus, żgur li m'huwiex ippruvat sal-grad tal-probabbli li l-flus kontanti li kellu l-imputat fil-vettura meta ġie arrestat fid-29 ta' Novembru 2018 kienu dawk l-istess flus.

**Kemm hu hekk, il-fatt innifsu li l-imputat kien qed jiġri barra b'kontanti ta' €40,000 jiġru fil-karozza ta' terzi persuni, u f'idejn persuna li l-imputat qal li kien ser iwasslu biss sal-bus stage, inissel inferenza qawwija li dan il-flus ma kienx il-flus li missieru kien ifaddallu biex meta jiġi nieqes hu, ibnu "***… ikollu biex jgħix, ikollu biex jixtri***", ċioe' biex ibnu jkollu biex imantni lilu nnifsu. Fil-fehma tal-Qorti, jekk l-intendiment tal-imputat u ta' missieru kien li l-flus tal-benefiċċji soċjali jiġu merfugħin minn missieru biex ma jintmessewx u biex l-imputat ikollu mezzi biex imantni lilu nnifsu meta missieru jiġi nieqes, dawn ma kienux jitħallew jiġru fil-karozza u f'idejn terzi persuni bl-iktar mod traskurat.**

Għalhekk, il-Qorti tqis li l-provi miġjuba mill-imputat ma jurux sal-grad tal-probabbli li l-flus li ġew konfiskati mill-imputat ġejjin minn tfaddil tal-benefiċċji soċjali jew dawk il-benefiċċji li setgħu ġew imfaddlin b'mod leġittimu minn missieru. L-imputat ma weriex li kellu introjtu leġittimu ieħor apparti l-ħlas tal-benefiċċji soċjali u l-ħlas tas-somma ta' €4,000 bejn 2016 u 2020 mingħand l-għaqda Helping Hands, u s-somma ta' €12,000 li kien irċeiva iktar minn għaxar snin qabel mill-għaqda Hope, iżda evidentement kellu ċertu nefqa konsistenti fi spejjeż marbutin max-xiri tad-diversi karozzi li jirriżulta li kien xtara matul iż-żmien, il-kiri tar-remissa, ix-xiri tad-dgħajsa u l-gabbana u l-ispejjeż biex din tal-aħħar tintrama, kif ukoll spejjez tal-konsum tad-droga li l-imputat innifsu stqarr li kien jikkonsma fiż-żmien. Għandu jiġi osservat ukoll illi missier l-imputat f'ebda waqt ma xehed, u ma jirriżulta minn imkien mill-

provi proċesswali, li huwa kien jiffinanzja dan l-infiq tal-imputat u lanqas huwa plawsibbli l-ipotesi li kien jagħmel hekk.

Dan kollu magħdud ifisser mhux biss li ġie stabbilit mill-provi proċesswali ness konklussiv bejn il-flus kontanti, attivita' kriminali u l-imputat – kif diġa' ġie stabbilit - iżda jirriżulta wkoll li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu proprjeta', ċioe' flus kontanti fis-somma ta' ċirka €40,000 li huwa eċċessiv tenut kont tal-mezzi finanzjarji tiegħu u ma weriex sal-grad tal-probabbli li dawn kellhom provenjenza leċita.

Fil-fehma tal-Qorti teżisti diskrepanza mhux negliġibbli bejn is-sors leġittimu tad-dħul tal-imputat u l-valur ippruvat tal-assi tiegħu ċioe' s-somma ta' €40,000 f'kontanti, vetturi u gabbana, fost oħrajn, u tqis li l-valur tal-proprjetà tal-imputat huwa sproporzjonat mal-qligħ tiegħu leġittimu. Il-qliegħ legali tiegħu huwa insuffiċjenti, meta wieħed jikkonsidra l-infiq li neċessarjament kellu jagħmel l-imputat biex jixtri diversi vetturi, żiemel, gabbana, dgħajsa u drogi kif ukoll biex iħallas l-ispejjeż tal-ħajja (liema spejjeż ma jirriżultax ippruvat sal-grad tal-probabbli li kienu ffinanzjati minn terzi), biex jiġġustifika l-pussess u akkwist ta' flus kontanti fis-somma ta' €40,000.

L-imputat evidentement naqas milli juri sal-grad tal-probabbli kif qatt seta', bi dħul konsistenti biss f'benefiċċji soċjali u ħlas tas-somma ta' €12,000 iktar minn għaxar snin qabel u s-somma ta' €4,000 imħallas bejn l-2016 u l-2020, jippermetti l-kapriċċi ta' xiri ta' kiosk u garaxx[33], id-delizzju taż-żwiemel u l-ispejjez kollha li jorbtu miegħu, xiri ta' opra tal-bahar u ta' numru ta' vetturi fl-istess żmien u jfaddal €500 fix-xahar, **u wkoll, fl-istess ħin, ikollu fil-pussess tiegħu wkoll flus kontanti ta' €40,000**, meta ma jirriżulta minn imkien mill-

[33] Il-prezz ħallsu lura kollu, skont l-imputat.

provi illi dan il-flus kienu l-istess flus li missieru xehed li kien iżommhomlu u jfaddalhomlu, tenut tal-introjtu leġittimu tiegħu kif fuq premess.

Dan l-istil ta' ħajtu, fejn il-kont tal-bank tiegħu qatt ma wera li kien hemm xi dħul fihom li seta' jippermettulu jakkwista dawn il-ħwejjeġ kollha, juru manifestament li l-imputat kien qed jgħix stil ta' ħajja mhux konformi mal-istat leġittimu tiegħu, bl-inferenza ċara ta' fatt illi l-flus kontanti fis-somma ta' €40,000 kienu ġenerati minn qliegħ ieħor li ma sabx postu fis-sistema finanzjarja leċita u regolata ta' pajjiżna iżda baqgħu moħbija. Dan jinkwadra sfiq fir-reat ta' ħasil ta' flus fejn il-persuna topera barra mill-qafas regolarizzat tas-settur finanzjarju billi, *inter alia*, iżżomm flus kontanti barra mis-sistema bankarja biex jiġi evitat li titħalla traċċa tal-istat finanzjarju rejali tagħha.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 2(1), 2(2), 3(1), 3(2A)(a)(ii), 3(3), 3(5)(a)(ċ), 3(7) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil MATTHEW VASSALLO ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah sena priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bil-priġunerija fi żmien tliet (3) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(5)(a), 3(7) u 7 tal-Att kontra Money Laundering, u l-artikoli 3 u 38(1) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita', tordna t-teħid favur il-Gvern tas-somma ta' disgħa u tletin elf tmien mija u disgħin Euro (€39,890) rappreżentanti l-proprjeta' li nkisbet mir-reat ta' money laundering u li diġa' ġie determinat fid-digriet mogħti fil-25 ta'**

**Lulju 2024 taħt l-artikolu 36(4)(b)(ii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita', li hija proprjetà soġġetta għall-konfiska[34].**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma komplessiva ta' tliet mija u tmienja u ħamsin Euro (€358), in kwantu s-somma ta' mija u ħmistax-il Euro (€115) rappreżentanti nofs l-ispejjeż imħallsin lill-espert Dr. Alexander Scerri Herrera[35], u in kwantu s-somma ta' mitejn u tlieta u erbgħin Euro (€243) rappreżentanti nofs l-ispejjeż imħallsin lill-espert PS 2369 Stephanie Cassar[36].**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi inserita fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Farrugia, pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[34] Dok. IB/428/2018 esebit formalment fis-7 ta' Settembru 2021.
[35] Paġni 225 sa 238 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[36] Dok. SC, paġna 408 *et seq.* tal-atti tal-kompilazzjoni.